# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hmistax (15) ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 68/14 FDP**

**Silvio Bonello**
**(ID 149975M)**

**vs**

**Joseph Tabone**
**(ID 10261M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippreentat fl-24 ta' Frar 2014 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara illi l-intimat huwa debitu tieghu fis-somma ta' disat elef, mija u tletin euro (€9,130) rappresentanti l-prezz ta' xogholijiet li s-socjeta konvenuta inkarigat lill-attur sabiex jesegwixxu, li kienu jinkudu xoghol ta' dawl, ilma u moghdija ta' katusi f'bina tal-Qroqq propjeta tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluz dik tal-Ittra Ufficjali 1974/11 datata 27 ta' Mejju 2011.

Rat illi fil-11 ta' Novembru 2014 l-intimat ippresenta l-eccezzjonijet tieghu fejn eccepixxa, in linea preliminari, illi t-talba hija preskritta a tenur tal-Art 2148 u 2149 tal-Kap 16 filwaqt illi insista wkoll illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur, stante illi l-inkarigu meritu tal-kawza odjerna inaghata lill Access Limited.

Rat illi, fil-meritu, l-intimat ecepixxa illi ma' ghandu jaghtu xejn lir-rikorrent.

Semghet ix-xhieda ta' **Silvio Bonello**, moghtija in ezami fid 9 ta' April 2015, u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi, fil 15 ta' Gunju 2015, wara illi r-rikorrent ippresenta l-istatement tax-xoghlijiet illi tieghu qieghed jippretendi hlas flimkien ma' l-invoices, il-parti qablu illi l-provi kellhom jingabru biss,

f'dan l-istadju, dwar l-ewwel zewgt eccezzjonijet, u wara il-Qorti tghaddi biex taghti decizjoni dwar dawna l-ewwel zewgt eccezzjonijiet ta' l-intimat.

Rat illi fil 15 ta' Gunju 2015 ir-rikorrent ddikjara illi ma klelux katar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Tabone** moghtija fil 15 ta' Ottubru 2015 u rat id-dokumentazzjoni, ossija korrispondenza minnu mibghuta lir-rikorrent ippresentati fix-xhieda tieghu.

Ra il-kopja tal-Ittra Ufficjali datata 27 ta' Mejju 2011 msemmija mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu u esebita mill-intimat fit 22 ta' Ottubru 2015.

Ra illi fil-15 ta' Ottubru 2015, il-kawza giet differita ghal finali trattazzjoni.

Wara zewgt differiment fejn it-trattazzjoni ma setghetx issir minhabba fl-assenza tar-rikorrent, fil 25 ta' Jannar 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel zewgt eccezzjonijiet ghall-lum wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-avukat ta' l-intimat.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent kien ghamel xoghlijiet gewwa showroom illi jinsab gewwa Tal-Qroqq u kien jikkomunika unikament ma' l-intimat.

Jirrizulta, *ex admissis* (fol 20), mir-rikorrent stess, illi x-xoghlijiet spiccaw lejn l-ahhar tas-sena 2011, u dana jidher ukoll mill-istatement u l-invoices esebiti mill-istess rikorrent (fol 29).

Jirrizulta illi fis-27 ta' Mejju 2011 ir-rikorrenti ghamel Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 lill-intimat, ghal liema Ittra l-intimat stess kien oggezzjona fit 23 ta' Gunju 2011. (fol 64).

Jirrizulta illi l-azzjoni odjerna inbdiet fl-24 ta' Frar 2014.

Jirrizulta illi f'korrispondenza illi l-intimat kien baghat lir-rikorrent, (fol 58-62), l-intimat kien ghamilha cara diversi drabi illi kienet is-socjeta Access Limited illi qabbditu jaghmel ix-xoghlijiet u mhux hu personalment.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-Artikolu 2148 (a) jipprovdi dan li gej:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*

Jirrizulta ukoll illi l-Artikolu 2149 (a) jipprovdi dan li gej:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

*(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu:*

Jirrizulta illi, fil-kaz odjern, ir-rikorrent, bhala kuntrattur, qieghed jitlob ghal hlas tax-xoghlijiet tieghu u ta' materjal mixtri ghall-istess binja gewwa Tal-Qroqq.

Jirrizulta, ghalhekk, illi talba ghal hlas kella ssir fi zmien erbgha u ghoxrin (24) xahar minn meta spicca x-xoghol.

Jirrizulta illi fis 27 ta' Mejju 2011, ir-rikorrent baghat Ittra Ufficjali lill-intimat, u ghalhekk interrompa l-preskrizzjoni, liema preskrizzjoni, din il-Qorti tikkontendi, reggha beda ghaddej la darba l-intimat irrisponda fit 23 ta' Gunju 2011 u gharrfu illi ma kellu jaghtih xejn.

Jirrizulta illi l-presentata tal-proceduri odjerni fl-24 ta' Frar 2014 saru tnejn u tletin (32) xahar wara illi saret tali risposta, u ghalhekk oltre il-periodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar pprovdut fl-Artikolu 2148 (a) ghall materjal kif ukoll il-periodu preskrittiv ta' erbgha u ghoxrin xahar pprovdut fl-Artikolu 2149 (a) ghal xoghol maghmul.

Ghalhekk, il-kawza saret oltre il-periodu permess mill-Ligi.

Jirrizulta wkoll ampjament ippruvat illi kienet is-socjeta Access Limited illi qabbdet lir-rikorrent jaghmel ix-xoghlijet, u r-rikorrent kien ben a korrent ta' tali fatt qabel ma ippresenta l-Ittra Ufficjali kif ukoll nieda l-proceduri odjerni.

Ghalhekk, l-intimat Joseph Tabone ma huwiex il-legittimu kontradittur.

**Konkluzjoni**

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri ta' l-intimat.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-ewwel zewgt eccezzjonijiet ta' l-intimat, kif fuq ahjar deskritt u

**Tichad** it-talba tar-rikorrent.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur